- *Whistleblower*
- *M'hemmx nullita' minħabba nuqqas ta' notifika qabel issir kawża skont Art 469A Kap 12 multo magis meta min ikun imħarrek ma jkunx leġittimu kontradittur*

FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

IMĦALLEF

ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.

ILLUM, 17 ta' Settembru, 2020.

Rikors ĠURAMENTAT Nru. 599/2018 GM
fl-ismijiet:

Jonathan Ferris (K.I nru. 255473(M))

vs.

1. Is-Segretarju Prinċipali Permanenti

2. Philip Massa inkarigat mill-External Whistleblower Unit fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru, kif ukoll f'ismu proprju għal kull interess li jista' jkollu.

Il-Qorti :

1. Rat ir-Rikors Ġuramentat li permezz tiegħu, l-attur wara li ppremetta illi :

Fl-ewwel ta' Novembru 2016, ir-rikorrent kien beda jaħdem mal-FIAU fil-kariga ta' Manager Financial Analysis Section, Uħud mid-dmirijiet tiegħu kienu li minħabba l-esperjenza li kellu fil-qasam tal- *White Collar Crime* hu kellu jmexxi din il-unit sabiex taghraf taħdem aħjar u bl-aktar mod effettiv sabiex tiġġieled il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus.

Hu kellu jservi bħala punt ta' riferiment għall-analisti li kienu inkarigati mill-investigazzjonijiet u kumpilazzjonijiet tar-rapport li jintbagħtu lill-Pulizija.

Ir-rikorrent siefer kemm il-darba barra minn xtutna sabiex jirrapreżenta lill-FIAU fil-fora internazzjonali, kif ukoll kien speaker għan-nom tal-FIAU f'konferenzi fosthom waħda li kienet saret Malta f'Mejju 2017 li għaliha kienu attendew bosta esperti fis-suġġett tal-ħasil tal-flus.

Sal-aħħar t'April 2017 hu kien fdat mill-FIAU sabiex jissuperviżjona l-investigazzjonijiet ta' ċertu portata fosthom investigazzjonijiet fuq membri u/jew uffiċjali tal-Gvern, iżda wara li kienet tħabbret id-data għall-elezzjoni ġenerali 2017 u ċioe' fl-1 ta' Mejju. Ir-rikorrent tneħħa minn dawn l-indaġni u twarrab fil-ġemb mill-istess entita li tagħha kien igawdi l-fiduċja assoluta, sakemm wara ir-riżultat tal-elezzjoni ġenerali, nhar il-Ġimgħa16 ta' Ġunju 2017 l-impjieg tiegħu ġie terminat mingħajr raġuni b'effett immedjat, u dan wara li xi ftit tal-jiem qabel il-Ministru tal-Finanzi ħareġ bit-tejorija li rapporti tal-FIAU kienu ġew miktuba appuntu sabiex jiġu leaked.

Fl-aħħar ta' Novembru 2017 ir-rikorrent kien imsejjaħ sabiex jiġi mitkellem mill-PANA Committee, u fl-1 ta' Diċembru 2017 flimkien mal-avukat tiegħu sar meeting ma' uffiċjal tal-Gvern (Godwin Pulis) sabiex jimbeda l-proċess għall-ksib ta' status ta' Whistleblower. Dan l-istess uffiċjal kien irrefera lir-rikorrent sabiex jagħmel l-ewwel talba tiegħu lil

dipartiment ieħor tal-Gvern (External Whistleblower Unit) u saret laqgħa għal dan il-għan mal-intimat Massa.

Ir-rikorrent kien intalab jgħaddi kopja ta' dokumenti li hu kellu fil-pussess tiegħu sabiex juri li verament hu kien ħaqqu l-istatus ta' Whistleblower. Wara li dawn id-dokumenti kienu mgħoddija, bdiet saga ta' korrispondenzi bl-emails bejn is-Sur Massa u l-avkuati tar-rikorrent u fi Frar 2018, kien mgħarraf li r-rikorrent ma kienx laħaq il-kriterji mitlubin sabiex jingħata l-istatus ta' Whistleblower.

Illi l-posizzjoni kkomunikata lir-rikorrent permezz tal-ittra kienet fis-suċċint illi ġaladarba ma kienx għamel 'internal whistleblowing', ma setax jirrikorri għall-protezzjoni mogħti lilu mill-kap 527 minħabba n-nuqqas ċitat.

Illi fl-umli fhma tar-rikorrent din il-posizzjoni hi għal kollox nieqsa minn ġustifikazzjoni legali (apparti nuqqas ta' loġika kif jiġi spjegat) u, meħuda fil-kuntest ta-dilungar u talbiet mhux f'lokhom indikati hawn fuq, jindika illi, kif ser jingħad hawn taħt, l-intimati jew min minnhom ħadu in konsiderazzjoni għanijiet mhux xierqa u/jew mhux rilevanti.

Illi dak sottomess hawn fuq mir-rikorrent hu msejjes bażikament fuq din is-segwenti konsiderazzjoni: jekk, kif inhu ċar fl-umli fehma tar-rikorrent, tneħħa mill-FIAU preċiżament peress illi fil-qadi ta' dmirijietu kien qed javviċina konkluzzjonijet u riżultanzi li kienu politikament skomdi għall-aħħar għall-politiċi fil-gvern u dawk ta' madwarhom, kif seta' jagħmel 'internal whistleblowing' meta ġie mneħħi mill-posizzjoni stess li minnha, b'loġika Kafkeska, qed jiġi pretiż illi kellu jagħmel tali 'internal whistleblowing'?

Illi in oltre, dak li kien jagħmel ir-rikorrent kieku tħalla fil-posizzjoni tiegħu ma kien ikun 'whistleblowing' xejn iżda sempliċiment il-qadi ta' dmirijietu, ċioe illi jiżvela dak illi kien jirriżultalu minn dak li kien fid-dmir

li jinvestiga, u għalhekk qatt ma seta' – u l-anqas a kien ikollu bżonn – jagħmel 'whistleblowing'.

Illi tenut kont ta' dan kollu allura, ċioe' illi l-bżonn ta' protezjoni bħala 'whistleblower' qam preċizament għax tneħħa min fejn kien ingaġġat, liema fatt ċar u inekwivoku ġie mgħarraf lill-intimat Massa kemm il-darba, ma jistax, wieħed ħlief jasal għall-konkluzzjoni illi n-nuqqas ta' għoti ta' status ta' 'whistleblower' lir-rikorrent hu egħmil amministrattiv li jikkostitwixxi abbuż tas-setgħa tal-awtorita' pubblika billi dan sar għal għanijiet mhux xierqa u/jew kien imsejjes fuq konsiderazzjonijiet mhux rilevanti (fl-aħjar ipoteżi għall-intimati) u/jew hu egħmil amministrattiv li jmur mod ieħor kontra l-liġi peress illi jilledi fondamentalment d-drittijiet ċivili tar-rikorrent li jiġi trattat b'mod aċċettabbli f'soċjeta' demokratika ġeneralment u partikolarment fl-isfond tal-prinċipji enunċjati Fl-art 469A tal-kap 12.

Illi l-pretensjonijiet tar-rikorrent jiżdiedu fil-forza meta wieħed jikkunsidra illi l-Gvern permezz tad-diversi operaturi li jimmilitaw fi ħdanu konsistentement ftaħar bl-innovazzjoni introdotta ta' protezzjoni ta' 'whistleblowers' kemm b'mod uffiċjali fl-interazzjoni tagħhom ma' diversi korpi kif inhuma l-Parlament Ewropew kif ukoll fil-kamp politiku; ma jistax il-Gvern jipproteġi biss lil min jaqbel lilu politikament u jinjora lil min ma jkunx fortunat li jkun f'dan il-kamp.

Talab lil din il-Qorti sabiex :

1. Jiġi dikjarat illi l-mod kif ġie trattat r-rikorrent mill-intimati jew min minnhom u id-deċiżjonijiet jew nuqqas ta' deċiżjonijiet tagħhom li jagħrfu lir-rikorrent bħala whistleblower jikkostitwixxi ksur tal-liġi fis-sens rikjest mil-Art 469A tal-kap 12, u konsegwentement tali deċiżjonijiet jew rifjut huma kontra l-liġi u ma jiswewx;

2. Jiġi dikjarat wkoll illi tali trattament jikkostitwixxi ksur tad-drittijiet bażiċi tar-rikorrent li jiġi ttrattat b'rispett sħiħ u ġenwin għan-normi tal-ġustizzja sanċiti mill-istess Art 469A ;
3. Jingħataw dawn l-ordnijiet u direzzjonijiet li jidhru xierqa minn din l-Onor. Qorti.

2) Rat ir-Risposta Maħlufa tal-konvenuti li eċċepew:

1. Illi in linea preliminari, l-esponenti Segretarju Prinċipali Permanenti u Philip Massa f'ismhu proprju mhumiex il-leġittimi kontradittturi stante li huma ma għandhom ebda relazzjoni ġuridika personali mar-rikorrenti kif konfermat mir-rikorrenti stess meta intavola azzjoni abbażi tal-Art 469A tal-kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta li hija azzjoni ta' natura amministrattiva u mhux personali u konsegwentement għandhom jiġu liberati mill-osservanza tal-ġudizzju u dan *inter alia* ai termini tal-Artikolu 181B tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta.
2. In linea preliminari wkoll, l-Arikolu 469A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (kap 12 ta' Liġijiet ta' Malta) mhux applikabbli stante dak li qiegħed jintalab l-istħarriġ ġudizzjarju tiegħu ma jaqax fit-tifsira ta' "egħmil amministrattiv" li nsibu fis-subinċiż 2 ta' l-Artrikolu 469A tal-kap 12 u dan stante li dak li qiegħed jintalab li jiġi mistħarreġ ġudizzjarjament li fir-rikors promotur ir-rikorrent issejħilha "*deċiżjonijiet jew nuqqas ta' deċiżjonijiet tagħhom li jagħrfu lir-rikorrent bħala whistleblower*" mhi xejn ħlief notifika bil-miktub maħruġa skond l-Artikolu 16(4) tal-kap 527 li permezz tagħha r-rikorrent kien dirett li jagħmel żvelar intern skont id-dettami tal-Att dwar il-Protezzjoni tal-Informatur Kap 527 tal-Liġijiet ta' Malta u li strettament f'dan l-istadju ma

ngħatat l-ebda deċizjoni dwar jekk ir-rikorrenti għandux jingħata l-istatus ta' informatur o meno u dan stante li kif ġie notifikat lill-istess rikorrenti tali deċiżjoni tista' tingħata biss wara li r-rikorrenti jottempera ruħu mad-disposizzjonijiet tas-Sezzjoni 2 tat-Taqsima III tal-kap 527 tal-Liġijiet ta' Malta. Illi jsegwi għalhekk li tali notifika bil-miktub ma tikkostitwixxix l-ebda ħruġ ta' ordni, liċenza, permess, warrant, deċiżjoni jew rifjut da parti ta' awtorita' pubblika li tista' tiġi mistħarrġa ġudizzjarjament a tenur tal-Artikolu 469A tal-kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta u dan stante li t-tifsira ta' "egħmil amministrattiv" hija ċirkoskritta b'dak li għalih jaħseb is-subinċiż (2) tal-Artikolu 469A tal-kap 12 u ma jestendix għal talbiet li ma jsirux skont id-dettami tal-liġi bil-għan li jsir attentat sabiex tiġi spostata d-diskrezzjoni fdata f'idejn l-amministrazzjoni pubblika;

3. Illi in linea preliminari wkoll, in-nullita' tal-azzjoni attriċi a tenur l-artikolu 460 tal-kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, stante li l-istess azzjoni ma ġietx preċeduta min ittra uffiċjali jew protes ġudizzjarju intavolat kontra s-Segretarju Permanenti Prinċipali intimat kif meħtieġ *ad validatem;*
4. Illi in linea preliminari wkoll u mingħajr preġudizzju għas-suespost, in kwantu r-rikorrenti qiegħed jallega azzjoni ta' detriment in konfront tiegħu, l-esponenti jeċepixxu l-inapplikabilita' ta' l-Artikolu 469A tal-kap 12 għall-każ odjern stante illi s-subartikolu (4) ta' l-Arikolu 469A tal-kap 12 jipprovdi illi l-istess artikolu ma japplikax meta l-mod ta' kontestazzjoni jew il-ksib ta' rimedju dwar xi att amministrattiv partikolari jkun jista' jinkiseb quddiem xi Qorti jew Tribunal imwaqqaf taħt xi liġi oħra. L-esponenti jirreferi għar-rimedju illi l-attur kellu a disposizzjoni tiegħu quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili skont dak li jipprovdi l-Artikolu 7 tal-Att dwar il-Protezzjoni ta' Informatur (Kap 527 tal-Liġijiet ta' Malta);

5. Illi fil-mertu u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom għalhekk jiġu miċħuda dinn dina l-Onorabbli Qorti stante li ma sar xejn mill-eċċipjenti li jista' legalment jattira l-ħtieġa ta' reviżjoni da parti tal-Qorti;
6. Illi f'kull każ u mingħajr preġudizzju, l-eċċipjenti jirrespinġu bi-qawwa kull allegazzjoni ta' aġir kontra l-liġi jew abbuż tas-setgħa tal-awtorita' pubblika billi dan sar għal għanijiet mhux xierqa u/jew kien imsejjes fuq konsiderazzjonijiet mhux rilevanti u/jew jmur kontra l-liġi jew li b'xi mod inkisru n-normi tal-ġustizzja naturali;
7. Illi s-Sezzjoni 3 tat-Taqsima III tal-Att dwar il-Protezzjoni tal-Informatur (kap 527 tal-Liġijiet ta' Malta) jitratta l-iżvelar estern fejn fl-Artikolu 15 tiegħu jagħmilha ċara li żvelar estern għandu jkun protett biss jekk l-iżvelar intern skond is-Sezzjoni 2 tat-Taqsima III kien diġa magħmul jew kien hemm tentattiv li jsir. Illi l-Artikolu 15 tal-kap 527 huwa ċar u mandatorju fuq l-informatur li għandu juri li għamel żvelar intern jew tal-inqas ipprova jagħmel dan. Illi min imkien ma jirriżulta li r-rikorrenti għamel tentattiv sabiex jissodisfa r-rekwiżiti mposti mil-Artikolu 15 tal-kap 527 anzi għall-kuntrarju fir-rikors promotur huwa konfermat li tali żvelar intern qatt ma sar mir-rikorrenti u dan iġib miegħu il-konsegwernza li dak li jimponi bħala rekwiżit l-Artikolu 15 tal-ap 527 baqa' ma ġiex sodisfatt;
8. Illi għall-kuntrarju ta' dak li qiegħed jagħti x'jifhem ir-rikorrenti fir-rikors promotur tiegħu u ċioe' li l-iżvelar intern kellu jsir mal-Financial Intelligence Analysis Unit entita' li temmet l-ingaġġ tiegħu, l-esponenti jirribattu li kif kien infurmat diversi drabi r-rikorrenti da parti tal-eċċipjenti, l-iżvelar intern ta' persuni impjegati mal-Financial Intelligence Analysis Unit għandu jsir mal-

whistleblowing unit fi ħdan il-Ministeru tal-Finanzi u mhux mal-Financial Intelligence Analysis Unit. Illi fl-ebda waqt ma ngħabet informazzjoni da parti tar-rikroreti li dan sar anzi għall-kuntrarju, ir-rikorrenti dejjem informa lil-esponenti (kif inhuwa konfermat fir-rikors promotur) li tali żvelar intern mal-whistleblowing unit fi ħdan il-Ministeru tal-Finanzi qatt ma għamlu. Illi tali nuqqas da parti tar-rikorrenti ma ħalliet l-ebda triq oħra f'idejn l-esponenti għajr li jimxi ma' dak li jipprovdi l-Artikolu 16(4) tal-kap 527 fejn ir-rikorrenti ġie notifikat bil-miktub li kellu jsir żvelar intern skond is-Sezzjoni 2 tat-Taqsima III tal-kap 527;

9. Illi mingħajr preġudizzju għal premess, ir-rimedju mitlub mir-rikorrenti u ċioe' fejn qiegħed jintalab li dina l-Onorabbli Qorti toħroġ ordnijiet u direzzjonijiet, imur oltre s-setgħat ta' dina l-Onorabbli Qorti u dan stante li f'azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju r-rimedju li jista' jingħata huwa biss it-tħassir tal-egħmil amministrattiv u għalhekk dina t-talba għandha tiġi miċħuda;
10. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-każ.
11. Bl-ispejjeż.

3) Rat id-digriet tagħha tas-6 ta' Diċembru 2018 li permezz tiegħu ġiet miċħuda t-talba għar-rikuża tal-imħallef sedenti;

Rat id-dokumenti esibiti mill-partijiet;

Semgħet lix-xhieda mressqin minnhom ;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Ikkunsidrat:

4) Illi Philip Massa aġixxa fil-veste tiegħu uffiċċjali, u għalhekk mhux leġittimu kontradittur personalment għax bħala tali m'għandu l-ebda relazzjoni ġuridika miegħu. Min-naħa l-oħra, bħala direttur fl-uffiċċju tal-Kabinett, huwa wkoll il-persuna responsabbli għall-External Whistleblowing Disclosure Unit ai termini tal-Kap. 527. Skont l-Art. 181B tal-Kap 12, bħala regola, il-Gvern għandu jkun rappreżentat fl-azzjonijiet ġudizzjarji mill-Kap tad-Dipartiment tal-Gvern li jkun inkarikat fil-materja in kwistjoni u għalhekk l-azzjoni sewwa ġiet indirizzata kontra tiegħu bħala « inkarikat mill-External Whistleblower Unit » (il-kwotazzjoni hija mill-okkjo tal-kawża). Is-Segretarju Prinċipali Permanenti m'għandu l-ebda rwol taħt l-istess Kapitlu. Għalhekk l-ewwel eċċezzjoni timmerita li tiġi milqugħa ;

5) Illi stabbilit li s-segretarju prinċipali permanenti mhux leġittimu kontradittur, ma jirriżultax li kien hemm għalfejn jiġi ppreżentat att ġudizzjarju kontrih, qabel bdiet din il-kawża. L-eċċezzjoni li mhux leġittimu kontradittur – u allura messu ma tħarrikx - mhix kompatibbli mal-eċċezzjoni li messha saret interpellazzjoni b'att ġudizzjarju qabel ġie mħarrek, u li allura l-azzjoni quddiem din il-Qorti hija nulla. Jirriżulta li sar protest ġudizzjarju kontra l-uniku leġittimu kontradittur[1]. Dan apparti li din il-Qorti, kif ippreseduta, hi tal-fehma li fil-każ ta' azzjonijiet ex-Art. 469A tal-Kap 12 m'hemmx għalfejn issir att ġudizzjarju qabel – anke jekk din il-fehma mhix kondiviża mill-bqija tal-ġurisprudenza u espressa

[1] Esibit a fol 146

f'sentenza ta' din il-Qorti kif ippreseduta li ġiet appellata u għadha pendenti quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Appell[2]. Għalhekk it-tielet eċċezzjoni ma jistħoqqilhiex li tiġi milqugħa ;

6) Illi fir-raba' eċċezzjoni tiegħu, il-konvenut jeċepixxi li kien hemm rimedju alternattiv li seta' uża' l-attur u li għalhekk ma setax jirrikorri għal din l-azzjoni skont l-Art. 469A u dan a tenur tas-sussidjarjeta` tagħha kif stabbilit fis-subartiklu (4) tiegħu. Din l-azzjoni alternattiva, skont il-konvenut, teżisti permezz tal-Art. 7 tal-Kap 527, li jiffakoltizza l-preżentazzjoni ta' rikors quddiem din il-Qorti jekk tittieħed azzjoni kontra persuna bħala tpattija għal żvelar protett. L-attur iżda mhux qiegħed jagħmel allegazzjoni bħal din u għalhekk din l-eċċezzjoni hija kompletament bla bażi.
7) Illi l-attur, dak li ried jiżevela wara li jakkwista l-istatus ta' *whistleblower*, fil-fatt żvelah fil-mori ta' din il-kawża huwa u jixhed f'inkjesta pubblika. [3] Kien huwa stess, b'lejalta` lejn din il-Qorti – u l-Qorti ma tistax ma tfaħħrux ta' dan il-ġest - li ġibed l-attenzjoni ta' dan l-iżvilupp[4] u stqarr li « f'ċertu sens, għalhekk, il-mertu ta' dan il-każ mill-punto di vista prattiku hu eżawrit ». B'danakollu huwa nsista li l-Qorti xorta waħda tippronunzja sentenza « sabiex l-istituzzjonijiet rilevanti jkollhom linja gwida ta' kif għandu jiġi operat il-kunċett ta' *whistleblower* f'pajjiż iggvernat mis-saltna tad-dritt ».[5] Issa l-iskop primarju tal-proċedura ċivili huwa li jindokra d-dritt sostantiv meta dan ma jiġix segwit volontarjament mill-individwu, mill-entitajiet ġuridiċi li llum jaf ikollhom forza soċjo-ekonomika kbira ħafna, jew mill-Istat li m'hemmx għalfejn jingħad

[2] Paul Gauci v. Sovrintendent tal-Patrimonju Kulturali 09.07.2019 Prim'Awla
[3] quddiem l-Onor. Imħallef Emeritus Michael Mallia fis-seduta tad-29.01.2020.
[4] nota ta' sottomissjonijiet tal-attur, a fol 190
[5] fol 190

għandu setgħat kbar fuq il-ħajja taċ-ċittadini u ħafna drabi għandu setgħat żejda. Skont il-prinċipju tad-dispożittiv, fis-sistemi legali tal-Ewropa tal-Punent, l-operat tal-Qorti jista' jiskatta biss fuq inizjattiva tal-litigant. Ma tistax tippronunzja ruħha fuq jeddijiet jekk mhux mitluba tagħmel hekk minnu. Fuq in-naħa l-oħra tal-munita, salv eċċezzjonijiet stabbiliti, il-litigant ma jistax jitlob li jiskatta l-proċess biex ikun hemm pronunzja ġudizzjarja jekk ma jkollux interess personali, attwali u dirett li jħares xi dritt li jidhirlu li jkun inkisirlu jew itteħidlu. L-interess irid jissussisti mhux biss fil-bidu tal-kawża iżda matulha kollu, b'mod li jekk jiġi nieqes, il-kawża ma tkunx tista' titkompla tinstema' u wisq inqas tkun tista' tingħata sentenza. Hekk ġara fil-każ preżenti : l-attur, li kellu nteress fil-bidu tal-kawża, issa m'għadx għandu dan l-interess minħabba li dak li ried jikxef, ġietu l-opportunita` li jikxfu mingħajr ma jkun kiser il-liġi tas-segretezza tal-karika li kellu. Huwa minnu li llum l-aħjar ħassieba fil-qasam tal-ġustizzja proċedurali jsostnu li għalkemm il-litigazzjoni hija xi ħaġa negattiva, l-oġġettiv aħħari tagħha hija l-ġustizzja – u ġustizzja mhux biss għal dawk li jkunu parti fil-kawża[6] :

> *That litigation should take place is essential to maintenance of the rule of law and to the achievement of justice for the mass of people who are never, themselves, involved in actual proceedings before the court. If civil procedural law is to achieve its purposes, a choice in favour of litigation… should sometimes be encouraged, especially when a question of general importance is at issue. The process of civil litigation serves purposes other than that of doing justice to those who*

[6] kwotazzjoni ta' taħdita minn Mr. Quintinn Hogg fil-Hamlyn Lectures minn Sir Jack Jacob, *The Fabric of English Civil Justice,* (1987) p. 285

*appear before the courts, and the achievement of those purposes must be an objective of procedural law.* [7]

Huwa minnu wkoll illi llum il-ġurnata fenomeni ġodda bħall-*actio popularis* – li ssir fl-interess ġenerali u mhux bilfors personali – u l-interess diffuż partikolarment fil-*class actions* kif ukoll il-liġi tal-konsumatur wessgħu konsiderevolment il-kunċett tal-interess ġuridiku. B'danakollu, jibqa' l-fatt li l-kawża preżenti, għad li l-mertu tagħha huwa bla dubbju ta' interess ġenerali, hija kawża miftuha abbażi ta' dritt privat u, għalkemm il-pronunzjament eventwali jista' jkun ta' interess pubbliku, dan ma jibbastax, waħdu, fl-assenza tal-ħtieġa li jiġi protett id-dritt privat tal-attur, biex jilleġittima l-pronunzja tas-senenza. Il-Qorti għalhekk tista' tieqaf hawn. B'danakollu, tħoss li xorta waħda għandha tikkunsidra jekk l-amministrazzjoni imxietx 'rite et recke' jew le jekk ser tagħmel hekk biss biex tkun f'qagħda li tiddeċiedi dwar il-kap tal-ispejjeż ;

Illi fil-każ preżenti l-konvenut isostni li ma wettaq l-ebda att amministrattiv. Jgħid li ma ta l-ebda deċiżjoni jekk l-attur kellux jingħata l-istatus ta' *whistleblower* jew le. Kull m'għamel kien li talab lill-attur evidenza dwar jekk għamilx tentattiv jew rapport mal-*internal whistleblowing* unit tal-Ministeru tal-Finanzi. Minħabba dan in-nuqqas, ħareġ in-notifika ai termini tal-Art. 16(4) tal-Kap 527 li permezz tagħha l-attur kien dirett li jagħmel żvelar intern skont id-dettami tal-istess Att. Il-liġi[8] tagħti definizzjoni ta' x'inhu egħmil amministrattiv :

"egħmil amministrattiv" tfisser il-ħruġ ta' kull ordni, liċenza,

[7] J. A. Jolowicz, On Civil Procedure (2000), Chap. 3, On the Nature and Purposes of Civil Procedural Law, paġni 79-80

[8] Art. 469A(2) Kap 12

permess, *warrant*, deċiżjoni jew ir-rifjut għal talba ta' xi persuna li jsir minn awtorità pubblika, iżda ma tinkludix xi ħaġa li ssir bl-għan ta' organizzazzjoni jew amministrazzjoni interna fl-istess awtorità:

Iżda, ħlief f'dawk il-każijiet fejn il-liġi tistabbilixxi perijodu li fih awtorità pubblika tenħtieġ tagħti deċiżjoni, meta ssir talba bil-miktub minn persuna li tiġi notifikata lill-awtorità u din l-awtorità tibqa' ma tagħtix deċiżjoni dwar dik it-talba, dak in-nuqqas għandu, wara xahrejn minn dik in-notifika, jikkostitwixxi rifjut għall-finijiet ta' din it-tifsira;

Illi d-Direttur konvenut ma rrifjutax it-talba tal-attur, u lanqas irrifjuta li jagħti deċiżjoni dwar it-talba tiegħu. Dak li talbu – l-evidenza tal-*internal whistleblowing* – kien sempliċiment stedina biex jottempera ruħu mal-liġi sabiex il-proċess amministrattiv ikun jista' jkompli biex 'l quddiem permezz tat-tieni stadju – dak tal-*external whistleblowing*. Id-Direttur ma kien qiegħed jeżerċita l-ebda diskrezzjoni; ma kien qiegħed jagħti l-ebda deċiżjoni; kien qiegħed biss isegwi d-dettami tassattivi tal-liġi li kien marbut bihom[9]. Fil-verita` ma setax jagħmel mod ieħor. Għalhekk il-Qorti ma ssibx li kien hemm egħmil amministrattiv fis-sens volut mil-liġi. Għalhekk it-tieni eċċezzjoni kienet timmerita li tiġi milqugħa li kieku din il-Qorti kellha tieħu konjizzjoni tagħha.

Illi għalhekk din il-kawża saret intempestivament.

***Dispożittiv***

Għal dawn il-motivi, l-Qorti :

[9] Art. 15 Kap 527 jgħid hekk: "Ħlief kif provdut f'din it-Taqsima, żvelar estern għandu jkun protett biss jekk l-iżvelar intern skont is-Sezzjoni 2 ta' din it-Taqsima kien diġa` magħmul jew kien hemm tentattiv li jsir"

1. tiddisponi mill-ewwel eċċezzjoni billi tillibera mill-osservanza tal-ġudizzju lis-Segretarju Prinċipali Permanenti kif ukoll lil Philip Massa f'ismu proprju.

2. tiċħad it-tielet u r-raba' eċċezzjonijiet.

3. tiċħad it-talbiet tal-attur minħabba li l-interess ġuridiku tiegħu ma baqgħax jissussisti waqt is-smiegħ tal-kawża.

4. tikkundannah għall-ħlas tal-ispejjeż tal-kawża.

Moqrija.

ONOR. IMĦALLEF

GRAZIO MERCIECA